# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF
## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002**
**Numru 6**
**Citaz. Nru. 880/97GV/6**

**Doc. Nru. 277/02**

**Dottor Louis Cassar Pullicino ghan-nom ta' Elmira Figlina proprio u bhala tutrici ghan-nom ta' binha minorenni Alexander**

**vs**

**Michael Zammit ghan-nom u in rappreżentanza ta' Mapa Holdings Limited u Joseph Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' Imnarja Ventures Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi l-attrici Elmira Figlina u binha huma successuri ta' Gregor (sive Grigore) Figline li kien ir-ragel ta' Elmira Figlina u missier Alexander Figline;

Premess illi Gregor Figline kien dahal f'konvenju mal-konvenut Michael Zammit nomine datat tnejn 2 ta' Dicembru, 1994, ghax-xiri ta' proprjeta' f'Malta bil-prezz ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) (Dok. A);

Premess illi Abela nomine kien qed jidher ghal Mapa Holdings Ltd. u kemm il-darba Abela noe qal illi z-zewg kumpaniji konvenuti huma haga

wahda, u fil-fatt il-kumpanija Imnarja Ventures Ltd. rceviet kemm il-darba flus minghand Figline akkont tal-prezz ta' xiri; peress illi Zammit noe qatt ma cahad dan;

Premess illi Gregor Figline ghamel pagamenti sia lill-konvenut Zammit noe sia lill-konvenut Abela noe fl-ammont totali ta' mija u tnejn u tletin elf u tmien mija Dollari Amerikani (US$132,800) akkont tal-prezz tax-xiri tal-fond in kwistjoni;

Premess illi l-bejgh ma sarx u l-konvenju skada fit-tnejn 2 ta' Mejju, 1995;

Premess illi ebda parti ma nterpellat lill-iehor sabiex isir l-att pubbliku opportun;

Premess illi ghalhekk il-kumpanija Mapa Limited ghadha proprjetarja tal-fond filwaqt illi l-konvenuti solidalment ghandhom bejnithom flus fl-ammont ta' mija u tnejn u tletin elf u tmien mija Dollari Amerikani (US$132,800) ricevuti minghand Figline, akkont tal-prezz ta' bejgh liema pero' kif intqal hawn fuq ma sarx;

Premess illi l-attur talab ir-rifuzjoni mill-konvenuti u fil-fatt bejn il-partijiet inzammu negozjati li wasslu ghall-abbozz ta' ftehim redatt minn Dr. Hugh Peralta li gie mibghut (17.11.95) lil Dr. R. Galea Debono ghall-konvenuti, fuq liema abbozz jinstabu in manuskritt punti mqajjma mill-konvenuti (Dok. B);

Premess illi l-konvenuti gew mitluba sabiex jirrifondu dana l-ammont ossia sabiex jiddepozitaw l-istess taht l-awtorita' ta' din il-Qorti, kemm bil-fomm kif ukoll b'ittra legali tal-hdax ta’ Dicembru, 1995 (11.12.1995) (Dok. C) pero' huma baqghu inadempjenti.

Previa okkorrendo dikjarazzjoni li l-konvenuti ircevew dana l-ammont ta’ U.S$132,800 minghand Figline akkont tal-prezz ta’ bejgh tal-proprjeta’ fuq

imsemmija, a bazi ta' konvenju illum skadut (Dok.A), l-attur nomine talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirrifondu lill-attur nomine l'fuq imsemmija somma ta' US$132,800 jew somma verjuri, (ekwivalenti fi flus Maltin skond il-kambju vigenti fid-data tas-sentenza), jew in solidum, jew in kwantu ghall-konvenut Zammit noe l-ammont kollu, fil-waqt li ghall-konvenut Abela noe in solidum ma' Zammit noe pero' limitatament ghall-ammont minnu ricevut ta' US$45,000.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar hlas u cioe' sittax (16) ta' Gunju, 1995, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process;

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Abela nomine a fol 16 fejn eccepixxa:

1. Illi qabel xejn u preliminarjament, l-attur nomine irid igib prova mhux biss tal-mandat tieghu izda wkoll li l-mandanti tieghu Elmira u Alexander Figline huma l-eredi legittimi tal-mejjet Gregor sive Grigori Figline, u dana skond il-ligi applikabbli ghad-domicilju taghhom.

2. Illi, fuq il-meritu, l-esponent la ghandu u lanqas qatt ma kellu ir-rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta l-ohra MAPA Holdings Limited, u kwindi huwa ma dahal f'ebda konvenju mal-mejjet Grigori Figline. Konsegwenzjalment, billi t-talbiet fic-citazzjoni huma marbutin mal-ezistenza tal-konvenju esibit mill-attur mac-citazzjoni, l-

esponent ma jista' qatt jigi kkundannat ghall-hlas ta' xi somma fit-termini tac-citazzjoni.

3. Illi, sussidjarjament, pero' ukoll fuq il-mertu, l-atturi jridu jgiebu prova ta' xi flus huma ghaddew direttament lill-esponent. Meta u jekk tingieb tali prova l-esponent jirriserva li jispjega jekk l-ammonti mitlubin mill-atturi humiex relatati ma' negozji ohrajn li kienu saru bejniethom u ghal servigi rezi u spejjez inkorsi mill-esponent a vantagg tal-istess Grigori Figline.

4. Illi l-esponent ma ffirma ebda skrittura ta' ftehim, u ghalhekk l-iskrittura esibita mill-attur bhala dokument B ghandha tigi sfilzata ghaliex hija irrilevanti ghall-kaz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Zammit nomine a fol. 20 fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament, illi jirrikjedi l-prova illi l-atturi huma l-eredi proprji ta' Gregor Figline.

2. Illi l-konvenut Joseph Abela ma kellux awtorita' li jidher ghas-socjeta' Mapa Holdings limited.

3. Illi mhuwiex minnu, kif allegaw l-atturi, illi z-zewg socjetajiet konvenuti huma 'haga wahda'.

4. Illi kull ma rceva l-eccipjent nomine hija s-somma ta' sebgha u tmenin elf u tmien mija Dollari Amerikani (US$ 87,800), akkont tal-prezz.

5. Illi din is-somma giet awtomatikament mitlufa a favur l-eccipjent nomine ai termini tal-klawsola (6) tal-konvenju tat-tnejn (2) ta' Dicembru, 1994, meta dan skada fit-tnejn (2) ta' Gunju, 1995, u l-

kompratur prospettiv ma kienx hallas il-prezz shih ai termini tal-klawsola (1).

6. Illi b'hekk m'hemm xejn dovut mill-konvenut nomine eccipjent lill-atturi.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol 128 et seq;

Rat id-decizjoni taghha a fol. 145 li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn ecceppew li l-attur noe jrid igib prova mhux biss tal-mandat tieghu izda wkoll li l-mandanti tieghu Elmira u Alexander Figline huma l-eredi legittimi tal-mejjet Gregor sive Grigori Figline, u dana skond il-ligi applikabbli ghad-domicilju taghhom. L-attur noe kien gab dawn il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rikors tal-14 ta’ Mejju, 2002 a fol. 221;

Rat li ma ntlahaq ebda ftehim bejn il-partijiet ara fol. 223;

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Mill-provi prodotti jirrizulta li Gregor Figline (l-atturi huma l-eredi tieghu) kien dahal f’konvenju mal-konvenut Michael Zammit noe datat 2 ta’ Dicembru, 1994 biex jixtri flat f’Windsor Terrace, Sliema skond dok A a fol. 6. Figline kien ghamel pagamenti akkont lill Zammit u anke lill konvenut Abela noe li kien qed jidher bhala sensar u anke bhala l-kuntrattur li kellu jispicca l-flat li kien inxtara gebel u saqaf.

Il-bejgh ma sarx u l-konvenju skada fit-2 ta’ Mejju, 1995 u l-ebda parti ma interpellat lill ohra biex isir l-att pubbliku opportun. Illi ghalhekk l-ammonti mhallsa minn Figline ghandhom jigu ritornati lill-attur noe.

Kwantu ghall-pagamenti li saru jirrizulta li Abela thallas is-somma ta’ US Dollars 42,000 skond id-dokument a fol. 210 u x-xhieda ta’ l-istess Abela a fol. 176. Abela xehed li l-ammont li rceva hu kien uzah biex jikkompleta l-flat, li eventwalment Zammit biegh lill terzi.

Zammit thallas l-ammont komplessiv ta’ US Dollars 87,800 maghmula kif gej: US$8,800; US$35,000 (ara fol. 205) u US$44,000 (ara fol. 204, 206, 208 u 214). Zammit mhux qed jikkontesta li thallsu dawn l-ammont (ara dok a fol. 8 apparti x-xhieda tieghu).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur nomine ghas-somma ta’ US$129,800 u tikkundanna lill-konvenut Zammit noe sabiex jirrifondi lill-attur nomine l’fuq imsemmija somma kollha (ekwivalenti fi flus Maltin skond il-kambju vigenti fil-21 ta’ April, 1997 data tal-prezentata tac-citazzjoni, ghal-ammont ta’ hamsa u hamsin elf tlett mija u sebgha u tlettin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm55,337.65)

fil-waqt li ghall-konvenut Abela noe in solidum ma’ Zammit noe limitatament ghall-ammont minnu ricevut ta’ US$42,000 ekwivalenti ghal dsatax-il elf u disa’ mija u hames liri maltin u sitta u tmenin centemzu (Lm17,905.86)

Bl-ispejjez kwantu ghal terz ghal konvenut Abela u tliet kwarti ghall konvenut Zammit u bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont mid-data tal-ahhar hlas u cioe’ sittax (16) ta’ Gunju, 1995, sad-data tal-pagament effettiv.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**